C/2024/2348

27.3.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Marzu 2024

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/C 135/03 fir-rigward tal-applikabbiltà tagħha, il-kompiti tal-Grupp Konsultattiv Ewropew dwar l-STI u t-trasparenza tal-operat tiegħu

(C/2024/2348)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tagħha,

Billi:

(1) Il-Grupp Konsultattiv Ewropew għas-Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (ITS) twaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/C 135/03 ([2]). Dik id-Deċiżjoni tapplika sas-27 ta' Awwissu 2017. Peress li d-Direttiva 2010/40/UE ma tispeċifika l-ebda limitu ta' żmien għall-Grupp Konsultattiv, huwa meħtieġ li titneħħa dik il-limitazzjoni u mhuwiex xieraq li tiġi speċifikata xi limitazzjoni ta' żmien.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 3301 final ([3]) tistabbilixxi regoli orizzontali dwar il-ħolqien u l-operat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni, inkluż mudell għad-deċiżjonijiet li jistabbilixxu l-gruppi ta' esperti. Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2011/C 135/03 tikkonforma mad-Deċiżjoni C (2016) 3301 final.

(3) L-Artikolu 4a(1) tad-Direttiva 2010/40/UE, kif emendat mid-Direttiva (UE) 2023/2661 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), jirrikjedi lill-Kummissjoni tikkonsulta lill-Grupp Konsultattiv Ewropew dwar l-STI u lill-partijiet interessati rilevanti qabel tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi programm ta' ħidma. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi stabbilit kompitu ġdid tal-Grupp Konsultattiv Ewropew dwar l-STI fid-Deċiżjoni 2011/C 135/03.

(4) Huwa għalhekk meħtieġ li d-Deċiżjoni 2011/C 135/03 tiġi emendata biex tinkludi dak il-kompitu l-ġdid, biex jiġi żgurat li tikkonforma mar-rekwiżiti tad-Deċiżjoni C(2016) 3301 u biex jitneħħa l-limitu ta' żmien dwar l-applikabbiltà tagħha,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Id-Deċiżjoni 2011/C 135/03 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) li joħloq skambju ta' esperjenza u ta' prattika tajba relatati mal-varar u t-tħaddim tal-STI;";

(b) jiżdied il-punt (d) li ġej:

([1]) ĠU L 207, 6.8.2010, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2010/40/oj?locale=mt.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/C 135/03 tal-4 ta' Mejju 2011 dwar l-istabbiliment ta' Grupp Konsultattiv Ewropew dwar l-STI (ĠU C 135, 5.5.2011, p. 3).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 3301 tat-30 ta' Mejju 2016 li tistabbilixxi regoli orizzontali dwar il-ħolqien u l-operat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni.
([4]) Id-Direttiva (UE) 2023/2661 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 li temenda d-Direttiva 2010/40/UE dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport (ĠU L 2023/2661, 30.11.2023, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/2661/oj?locale=mt).

"(d) li jassisti lill-Kummissjoni fit-tfassil tal-programmi ta' ħidma li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni f'konformità mad-Direttiva 2010/40/UE.";

(2) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Is-sejħa għall-applikazzjonijiet għandha tiġi ppubblikata fir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u entitajiet simili oħra. Is-sejħa għall-applikazzjonijiet għandha tiddeskrivi b'mod ċar il-kriterji tal-għażla, inkluż l-għarfien espert meħtieġ fir-rigward tax-xogħol li għandu jitwettaq. L-iskadenza minima għall-applikazzjonijiet għandha tkun ta' erba' ġimgħat.

Ir-reġistrazzjoni fir-Reġistru tat-Trasparenza għandha tkun meħtieġa għall-ħatra ta' individwi li jirrappreżentaw interess komuni u organizzazzjonijiet.";

(b) jitħassru l-paragrafi 7 u 8;

(3) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-laqgħat tal-gruppi u s-sottogruppi ta' esperti għandhom isiru fil-bini tal-Kummissjoni jew virtwalment, kif meħtieġ. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi s-servizzi segretarjali. Uffiċjali oħrajn tal-Kummissjoni li għandhom interess fil-proċedimenti jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Grupp Konsultattiv Ewropew dwar l-STI u s-sottogruppi tiegħu.";

(b) jiżdied il-paragrafu 8 li ġej:

"8. Kemm jista' jkun, il-grupp għandu jadotta l-opinjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet jew ir-rapporti tiegħu b'kunsens. Fil-każ li jkun hemm votazzjoni, l-eżitu tal-votazzjoni għandu jiġi deċiż permezz ta' maġġoranza sempliċi tal-membri. Il-membri li jkunu vvutaw kontra jew li jkunu astjenew għandhom id-dritt li jkollhom dokument li jiġbor fil-qosor ir-raġunijiet għall-pożizzjoni tagħhom mehmuż mal-opinjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet jew ir-rapporti.";

(4) jiddaħħlu l-Artikoli 5a u 5b li ġejjin:

"*Artikolu 5 a*

Segretezza professjonali u trattament ta' informazzjoni klassifikata

Il-membri tal-grupp u tas-sottogruppi, kif ukoll l-esperti u l-osservaturi mistiedna, huma soġġetti għall-obbligu tas-segretezza professjonali, li bis-saħħa tat-Trattati u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom japplika għall-membri kollha tal-istituzzjonijiet u għall-persunal tagħhom, kif ukoll għar-regoli tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà fir-rigward tal-protezzjoni tal-informazzjoni kklassifikata tal-Unjoni, stabbiliti fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 (*) u (UE, Euratom) 2015/444 (**). F'każ li dawn l-obbligi ma jiġux rispettati, il-Kummissjoni tista' tieħu l-miżuri xierqa kollha.

Artikolu 5b

Trasparenza

1. Il-grupp u s-sottogruppi tiegħu għandhom jiġu rreġistrati fir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u entitajiet oħra simili ('ir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti').

2. Id-*data* li ġejja dwar il-kompożizzjoni tal-grupp u tas-sottogruppi għandha tiġi ppubblikata fir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti:

(a) l-ismijiet tal-individwi li jinħatru fil-kapaċità personali tagħhom;

(b) l-ismijiet tal-individwi maħtura biex jirrappreżentaw interess komuni; l-interess rappreżentat għandu jkun żvelat;

(c) l-ismijiet tal-organizzazzjonijiet membri; l-interess rappreżentat għandu jkun żvelat;

(d) l-ismijiet ta' entitajiet pubbliċi oħrajn;

(e) l-ismijiet tal-osservaturi.

3. Id-dokumenti rilevanti kollha, inkluż l-aġendi, il-minuti u s-sottomissjonijiet tal-parteċipanti, għandhom ikunu disponibbli jew fir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti jew permezz ta' link mir-Reġistru għal sit web dedikat, fejn ikun hemm din l-informazzjoni. L-aċċess għal siti elettroniċi dedikati ma għandux ikun sottomess għal reġistrazzjoni tal-utent jew għal restrizzjoni oħra. B'mod partikolari, l-aġenda u dokumenti oħra ta' sfond rilevanti għandhom jiġu ppubblikati fi żmien xieraq qabel il-laqgħa, segwiti mill-pubblikazzjoni f'waqtha tal-minuti. L-eċċezzjonijiet għall-pubblikazzjoni għandhom ikunu possibbli biss meta l-iżvelar ta' xi dokument ikun idgħajjef il-protezzjoni ta' interess pubbliku jew privat kif iddefinit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 (***).

_____

(*) Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar is-Sigurtà fil-Kummissjoni (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 41, ELI http://data.europa.eu/eli/dec/2015/443/oj?locale=MT).

(**) Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53, ELI http://data.europa.eu/eli/dec/2015/444/oj?locale=mt).

(***) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43, ELI http://data.europa.eu/eli/reg/2001/1049/oj?locale=mt).";

(5) L-Artikolu 7 jitħassar.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Marzu 2024.

Għall-Kummissjoni
Adina VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni